**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Clyde u Sarah Ellul

Vs

Kevin Sciberras – Digital Eye

CCT 31/21/MM

Illum, 6 ta' Settembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat nhar it-23 ta' Frar 2021 fejn talbu s-somma ta' elf u tmien mitt Ewro (€ 1,800.00), rappreżentanti prezz ta' servizzi fotografiċi mħallsin mir-rikorrenti, liema servizz ma ingħatax fl-intier tiegħu wara li l-konvenut ma onorax il-ftehim oriġinali.

Ra r-risposta tal-intimat Kevin Sciberras datata 24 ta' Mejju 2021 fejn ikkontesta t-talba billi imputa n-nuqqasijiet fis-servizz li offra lir-rikorrenti bħala dewmien u ħtija min-naħa tagħhom biex jaderixxu ma' żmien stipulat sabiex jipprovdulu ritratti forst oħrajn.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi pendenti l-mori tal-kawża r-rikorrenti rriduċew it-talba tagħhom għal valur ta' Euro 600 u dan stante li l-intimat kien ottempra ruħu ma' ċertu nuqqasijiet fosthom il-konsenja tal-album tat-tieġ in kwistjoni b'valur ta' Euro 675.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal qiegħed jillimita d-deċiżjoni tiegħu għall-valur pendenti li fuqu m'humiex qegħdin jaqblu l-partijiet.

Illi l-partijiet joffru verżjonijiet totalement kontrastanti fir-rigward tas-servizz mistenni u s-servizz effettivament mogħti. Affrontant b'dawn id-diskrepanzi t-Tribunal ma jistax ma jinnotax il-preċiżjoni li biha ppreżentaw ix-xhieda u l-provi tagħhom ir-rikorrenti, akkumpjanti b'*chats* u messaġġi skambjati bejn il-partijiet. Jirriżulta wkoll biċ-ċar l-anzjeta' li kellhom l-istess rikorrenti fejn saħansitra r-rikorrenti Clyde Ellul jibgħat :

'Kevin, when are you going to stop ignoring me and tell me when I can pick up my stuff please ?'

Fejn l-istess konvenut iwieġeb :

'hi clyde sorry i did not reply but really not well at the moment with some family problems. I promise i will get back to you very shortly'

Illi skambli oħra ikomplu jitfgħu dawl fuq l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti u jikxfu li jekk kien hemm xi dewmien jew inkompletezza, dan m'għandux ikun imputabbli lilhom.

Illi għalhekk it-Tribunal iħoss li għandu jilqa' t-talba tar-rikorrenti kif aġġustata fl-intier tagħha.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' sitt mitt Ewro (€ 600.00).

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru